**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

## L-10 Konferenza Annwali tal-NCPE: Aktar xogħol għall-ħarsien u l-promozzjoni tal-ugwaljanza

L-ugwaljanza tpoġġiet u qed tkompli tinżamm fuq l-aġenda nazzjonali permezz ta' numru ta' inizjattivi li ttieħdu mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) f'dawn l-għaxar snin li għaddew. Il-Kummissarju tal-NCPE, Renee Laiviera, qalet dan waqt l-għaxar Konferenza Annwali tal-NCPE organizzata llum.

Waqt l-indirizz tal-ftuħ tal-Konferenza, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, Onor. Helena Dalli, enfasizzat li fl-2013, il-Gvern afferma l-impenn tiegħu biex tkompli ssir promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs u biex jagħti prominenza akbar lill-qasam tad-drittijiet umani. F'dan ir-rigward, il-Ministru Dalli qalet li għaddej ix-xogħol biex il-mandat tal-NCPE jitwessa' ħalli ssir Kummissjoni għad-Drittijiet Umani u l-Ugwaljanza, b'tali mod li tkun istituzzjoni nazzjonali għad-drittijiet umani kif ukoll korp tal-ugwaljanza b'konformità mal-provvedimenti stabbiliti mid-Direttivi Ewropej dwar it-trattament ugwali.

Il-Ministru Helena Dalli ppreżentat iċ-Ċertifikat tal-Marka tal-Ugwaljanza lil aktar organizzazzjonijiet u entitajiet li fil-verità jsegwu trattament ugwali fil-*policies* u l-prattiċi tagħhom irrispettivament mis-sess u r-responsabilitajiet familjari tal-ħaddiema. Tliet (3) organizzazzjonijiet ġodda ngħataw il-Marka tal-Ugwaljanza. Dawn huma Public Broadcasting Services Ltd, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità u Medicines Authority. Sitt (6) organizzazzjonijiet oħra kienu ri-ċertifikati bil-Marka tal-Ugwaljanza wara sentejn minn meta ħadu l-ewwel Ċertifikazzjoni: National Statistics Office, Adpro-Instruments, Melita plc, Chetcuti Cauchi, Nexia BT u FTI AS. Permezz tal-Marka tal-Ugwaljanza, bħalissa hemm 15,600 ħaddiem f'54 kumpanija privata u entatajiet tal-Gvern li qed jaħdmu f'kundizzjonijiet li jiffavorixxu l-ugwaljanza bejn is-sessi.

F'ħarsa lejn ir-Rapport Annwali 2013 tal-NCPE, il-Kummissarju tal-NCPE Renee Laiviera qalet li l-investigazzjoni tal-ilmenti hi waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni bi 53 ilment li tressqu quddiem l-NCPE fl-2013.

Il-Kummissjoni ssottomettiet u se kompli taħdem fuq numru ta' rakkomanazzjonijiet ta' *policies*, li jinkludu l-kunjomijiet tal-mizzewġin, il-liġi tal-koabitazzjoni u l-emendi biex jissaħħaħ Kapitlu 456, Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, kif ukoll dwar it-tisħiħ tal-NCPE.

Diversi inizjattivi qed ikunu implimentati bil-għan li jissaħħaħ il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet u tingħata s-setgħa lil aktar nisa biex jokkupaw dawn il-pożizzjonijiet. Dawn jinkludu d-Direttorju ta' Nisa Professjonisti, programm ta' *mentoring* u taħriġ għal nisa li qed jaspiraw li jkollhom pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kif ukoll riċerki dwar dan is-suġġett.

Fl-2013, tħejja sett ta' inizjattivi biex jitqajjem aktar għarfien dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet. Dawn l-inizjattivi jindirizzaw forom differenti ta' vjolenza fuq in-nisa, u ċ-ċirkostanzi u l-bżonnijiet tal-vittmi ta' vjolenza u ta' professjonisti li jaħdmu ma' dawn il-vittmi.

Is-Sa. Renee Laiviera elenkat ukoll li fl-2013 l-NCPE għamlet aktar minn 50 siegħa ta' taħriġ, ma' aktar minn 860 parteċipant, dwar suġġetti relatati mal-ugwaljanza u-non diskriminazzjoni biex tqajjem għarfien dwar l-ugwaljanza u n-non diskriminazzjoni u biex tagħti s-setgħa lil dawk involuti.

Matul il-Konferenza, is-*Senior Policy Mainstreaming, Training and Legal Executive* tal-NCPE, Maria Borg Filletti, spjegat il-proċedura tal-investigazzjonijiet li tuża l-NCPE ta' każijiet ta' allegata diskriminazzjoni, u elenkat ukoll xi *case studies*. Matul il-konferenza, sar ukoll proċess ta' konsulatazzjoni pemezz ta' *workshops* mal-parteċipanti li esprimew l-opinjoni tagħhom u l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni fil-kuntest tal-pjan strateġiku tal-NCPE.

Fi tmiem l-10 Konferenza Annwali, il-Kummissarju tal-NCPE Renee Laiviera, tenniet li matul l-2013 l-NCPE kompliet taħdem biex tħares u tippromwovi t-trattament ugwali fl-isferi differenti tas-soċjeta' billi tippromwovi l-opportunitajiet indaqs u tissalvagwardja d-drittijiet ugwali għal kulħadd.

**Għal aktar informazzjoni dwar ix-xogħol tal-NCPE jew biex tirrapporta każ ta' diskriminazzjoni, agħmel kuntatt mal-NCPE fuq equality@gov.mt jew fuq 2590 3850.**

**Il-Ħamis 29 ta' Mejju, 2014**